# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA S. PAWL APPOSTLU - MALTA Nru.144 April 2009



L-GHID
IT-TAJJEB
LIL
KULHADD

**RESURREXIT SICUT DIXIT**

Pittura ta'
D. Bartolini
( Ara Atti 23 : 11 )

**" Kien imsallab minħabba**
**id-dgħufija tiegħu,**
**iżda issa jgħix bil-qawwa ta' Alla.**
**U aħna wkoll dgħajfa fih,**
**iżda ngħixu miegħu**
**bil-qawwa ta' Alla**
**għalikom ".**

**2 Kor 13 : 4**



**CAPITULUM GENERALE OFM**

Portiunculæ (S. Mariæ Angelorum) 24.V.2009 - 20.VI.2009

GENERAL CHAPTER - CAPITOLO GENERALE - CAPÍTULO GENERAL

*Verbum Domini nuntiantes in universo mundo*

## *Aktar tagħrif dwar il-Bażilika ta' San Pawl fuori le Mura ( 5 )*




Jekk niktbu l-istorja ta' din il-Bażilika, nrridu bil-fors niktbu fuq il-preżenza tal-Benedittini. Fuq irħama, hemm minqux dokument imsejjaħ *Praeceptum,* tal-Papa S. Girgor il-Kbir ( 590-604), li jitkellem minn monasterju femminili ddedikat lil San Stiefnu. Il-*Liber diurunus* jitkellem fuq monasterju maskili, iddedikat lil S. Ċesarju, martri, li kien qed jaqa'. Il-Papa Girgor II ( 715-731) ried li jaqgħad iż-żewġ monasterji u jafdhom f' idejn il-Benedittini, biex ifaħħru lill-Mulej u jieħdu ħsieb il-lampi ta' l-Oratorju. Minn dak iż-żmien saru r-rappreżentanti kontinwi u l-konfessuri tal-Bażilika.

Ir-rejiet ingliżi kellhom rabta qawwija ma' dan il-monasterju. Tant, li fl-istemma l-antika madwar il-kurazza u x-xabla, hemm miktub bil-franċiż ta' l-Ordni tal-*Giarretteria*, li ġie mwaqqaf mill-kastell ta' Windsor fl-1344: *Honi soit qui mal y pense* ( ikun misħut min jaħseb ħażin). S. Odilone, l-Abbati ta' Cluny, fl-936 ġie imsejjaħ Ruma biex jibda r-*riforma cluniacense*. Minn dak iż-żmien l-Abbati beda jisejjaħ ' *Abbas et rector Sancti Pauli'.* Fi żmienu daħlu ħafna magħhom fosthom il-futur Papa Gwanni XVIII (1003-1009), li jinsab midfun hemm.



Fis-seklu XI minħabba xi inkwiet, Papa Ljun IX ( 1049-1054 ) qabad lill-monaku Ildebrando (li wara sar Papa Girgor VII) biex jara li kollox jiġi għan-normal. Dan wara li sar Papa, żamm it-titlu ta' *Abbati ta' San Pawl*. Fis-sekli XII u XIII kien hemm qawmien spiritwali w ekonomiku. Fi żmien meta l-Papiet kienu qegħdin jgħexu Avignon, Franza, l-Abbati ta' San Pawl beda jitqies bħala l-aktar prelat importanti f' Ruma. L-Abbati Ludovik Barbo, mill-ġdid, għamel riforma u fl-1504, għaqqad il-Kongregazzjoni Cassinese. Il-Papa Beatu Innoċenz XI ( 1676 –1687) approva li jitwaqqaf ġinnasju filosofiku u teoloġiku, li kien il-bidu ta' dak li llum jisejjaħ *Pontificio Ateneo S. Anselmo*, li fost l-oħrajn insibu lil Barnaba Chiaramonti ( Papa Piju VII ,1800-1823) studja f' dan il-post. Aktar tard, lejn l-aħħar tas-seklu XIX u bidu tas-seklu XX, kien hemm qawwa ġdida spiritwali. Tant li f' dan il-monasterju nsibu persuni importanti fosthom l-B. Abbati A. Ildefonso Schuster (1880-1954), li wara sar Kardinal Arċisqof ta' Milan u l-monaku l-Beatu Placido Riccardi ( 1844 - 1915 ).



L-Abbati ta' S. Pawl kellu l-kura pastorali ta' xi tlett distretti li kienu parroċċi. Illum huma kollha taħt il-Viġarju ta' Ruma. Mis-7 ta' Marzu 2005 bdiet tissejjaħ *Abbazia di S. Paolo* u twaqqa' t-titlu ta' territorjali. Il-Papa Benedittu XVI, b' *Motu Proprio*, ried li jkollha Arċipriet nominat mill-Papa b' ġurisdizzjoni ordinarja u mmedjata u l-Abbati jkun il-Viġarju tiegħu għall-kura pastorali. L-Abbati, wara li jiġi elett, irid l-approvazzjoni tal-Papa. L– Arċipriet attwali hu l-Kardinal Andrea Cordero Lanza di Montezemolo u l – Abbati attwali huwa Edmund Power, minn Hemel Hempstead, ingliż. Sa' mit-Tratt Lateranense ta' l-1929, din iż-żona taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tas-Santa Sede.

# Fejn sejjer l' Ordni Franġiskan ???



**N.B**. Din hija t-tieni parti mill-intervista li saret lill-Min. Gen. P. Jose' Rodriguez Carballo O.F.M. L-ewwel parti dehret fil-ħarġa ta' Marzu f' paġni 4-5.

*Inti ħadt sehem fl-aħħar Sinodu ta' l-Isqfijiet, li tkellem dwar il-Kelma t' Alla. X' pariri tista' tgħati biex anke n-nies jistgħu jsibu aktar ħin għall-Kelma t' Alla ?*

Qabelxejn nixtieq inwassal messaġġ lill-Isqfijiet, lis-saċerdoti u lir-reliġjużi, illi jridu jkunu persuni mimlijin bl-imħabba kbira lejn il-Kelma t' Alla. Konxji li wara l-'kliem' li nsibu fil-Bibbja, hemm dejjem 'il-Kelma'. Konxji li wara l-kliem hemm Kristu. Meta jkunu mimlijin b' din l-imħabba, bħala qaddejja tal-Kelma, allura jistgħu jwasslu l-ħeġġa u l-imħabba qawwija wkoll fil-poplu t' Alla.

Minn dan il-punt nixtieq nistieden qabelxejn lill-Franġiskani biex jgħamlu mill-Kelma ċ-ċentru ta' l-attivita' pastorali tagħhom. Nemmen li d-dinja tallum għandha għatx u ġuħ ta' dan. Dan is-Sinodu għandu jġib tiġdid kbir fi ħdan il- Knisja u nittama, li wkoll fl-Ordni tagħna, għaliex poġġa fiċ-ċentru tal-ħajja u l-missjoni tal-Knisja, il-Kelma t' Alla, kif kien għamel diġa' l-Konċilju Vatikan II.

*Nitkellmu issa fuq il-' Missio ad gentes'. Għaliex taħseb li illum hemm inqas patrijiet li jixtiequ jmorru fil-missjonijiet, speċjalment hawn fl-Italja ?*

Naħseb li hemm fil-fond żewġ problemi li jfissru 'l għala nsibu li llum inqas persuni lesti biex imorru fil-missjoni. L-ewwel huwa l-fatt li ninsabu tajbin ħafna fejn qegħdin u ma jonqosna xejn. F' din is-sitwazzjoni li wieħed iħalli kollox ,anke dawk superfiċjali, meta wisq probabbli anke dak li huwa essenzjal mhux se ssibu, hija għażla li ssir minn irġiel u nisa kuraġġużi. Deċiżjoni li tittieħed biss minn persuni liberi. Għal dan, jekk irridu li terġa taqbad il-ħuġġieġa missjunarja fl-Ordni, inridu naħdmu biex mil-bidunett insibu dak li huwa essenzjali fil-ħajja.

Raġuni oħra 'l għala hawn nuqqas ta' ħeġġa missjunarja ġej mill-fatt teoloġiku. Illum kollox jisejjaħ missjoni u l-pajjiżi kollha huma territorju missjunarju. Allura faċli tisma' min jgħidlek: "Għaliex għandi jmur 'il bogħod, meta hawn f'dari stess hemm lil min inrrid nevanġelizza?" Imma jiena nibża li, xi kultant, wara dan hemm raġuni oħra: il-vokazzjonijiet qed jonqsu u allura għandna bżonn persuni biex insaħħu dak li għandna.

Nemmen li hemm bżonn inbiddlu l-mentalita'. Hemm bżonn aktar nifhmu li l-Ordni Franġiskan huwa ordni missjunarju. Aħna l-ewwel ordni missjunarju u l-vokazzjoni tagħna hija li mmorru nxandru l-Kelma t'Alla.

>>>>>>>>>>>>>>>>>

*Fejn se mmorru ?*

Fejn il-Mulej inebbahna. Jekk il-Mulej inebbahna li għandna nibqgħu ġo pajjiżna biex inwasslu l-Kelma, allura hemm bżonn li nibqgħu. Imma jekk il-Mulej qed inebbahna biex immorru x' imkien ieħor, allura mmorru. Ukoll jekk se mmorru 'l bogħod, ikun hemm bżonn li nwaqqfu jew nagħalqu l-istrutturi li diġa għandna. Biex inwieġbu għas-sejħa, kull fejn se mmorru, irridu nħallu dak kollu li diġa' għandna.

==================================

**Outlines of Franciscan Philosophy**
**Doctrinal Synthesis of Franciscan Thought in the XIII and XIV Centuries**
**Author : Fr. Ivo Tonna O.F.M.**
**TAU Edition - 2008**

Irċevejna dawn il-kummenti fuq dan il-ktieb :

Minn Fr. Campion Murray O.F.M., ex-Segretarju Ġenerali ta' l-Ordni għall-Formazzjoni u l-istudji u ex-Ministru Provinċjal ta' l-Awstralja, St. Paschal College, Melbourne : " Many thanks for giving me a copy of your book ' Outlines of Franciscan Philosophy'. Congratulations for producing this work, which is and will be so useful for the whole Order".

Minn Fr. Johannes Freyer O.F.M., Rettur Manjifiku tal-*Pontificia Universita' Antonianum,* Ruma : " La ringrazio per pensare di inviarmi personalmente in omaggio una copia del prezioso libro sulla Filosofia medievale. Questo testo mi sara' molto utile per l'insegnamento. I contributi di questo genere giovano molto alla ricerca e all' approfondimento del pensiero francescano".

---

# Audio CDs biblici



Pittura ta' S. Pawl ta' M. Barberis li tinsab fil-knisja tal-Flaġellazzjoni ġewwa Gerusalemm

Fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina ċ-*Ċam Productions international* ( ĊPi ), tas-Soċjeta Missjunarja ta' San Pawl, għadha kemm ħarġet l-ewwel *Audio CDs* b' qari moqri minn atturi professjonali u spjegazzjoni ta' kull Ittra ta' San Pawl Missierna. Il-biblista P. Marcello Ghirlando O.F.M. qed jagħmel l-introduzzjoni għal kull Ittra, kif ukoll qed jagħti spjegazzjoni qabel kull kapitlu. Dawn *CDs* jistgħu faċilment jintużaw għal mumenti ta' talb u ta' riflessjoni fi gruppi jew b'mod personali.

S'issa ħarġu l-Ittra lir-Rumani u l-Ittra lill-Galatin. Għal aktar informazzjoni ċempel 21444499 / 21446436 jew *e-mail :* - info@cpi.com.mt

# L-Appostlu tal-ġnus

## San Pawl fil-ħajja tan-nisrani




**Pubblikazzjoni ĊAK**
**Awtur - P. Marcello Ghirlando O.F.M.**

Dan l-artiklu deher fil-ħarġa tal-ġurnal 'In-Nazzjon' tat-12 ta' Frar 2009 f' paġna 26. Huwa ġie miktub mis-Sur Michael Caruana.

Dan il-ktieb jiġbor fih il-katekeżi kollha, li ġiet ippubblikata f' siltiet fil-fuljett liturġiku " *Jum il-Mulej* " matul is-sena li għaddiet. Dan hu s-seba' ktieb li ċ-ĊAK ( Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni - li huwa jmmexxi mill-Patrijiet Franġiskani Konventwali ) qed jippubblika f' din is-sensiela.

Fil-kitbiet tiegħu P. Marcello Ghirlando O.F.M., studjuż ta' l-Iskrittura Mqaddsa, jagħti lill-qarrejja b' mod konċiż u ċar l-essenzjal dwar San Pawl u kitbietu. Huma kitbiet li jistgħu jservu ta' riflessjoni u ta' għarfien aħjar tat-tagħlim ta' San Pawl. Jistgħu jservu wkoll ta' spunt għal diskussjoni u katekeżi dwar San Pawl u t-tagħlim tiegħu. Patri Ghirlando, fid-daħla għall-ktieb tiegħu, kiteb li s-Sena Pawlina, mnedija mill-Papa Benedittu XVI, hi okkażjoni tajba biex nagħmlu ħilitna ħalli niskopru mill-ġdid il-ħajja u l-messaġġ ta' San Pawl.

Aktar ma ngħarfu l-ħajja tiegħu aktar naslu biex nifhmu kemm ir-rabta tiegħu ta' mħabba mal-Mulej, li messu fit-triq lejn Damasku, kienet il-pern ta' ħajtu u li għamel minnu tabilħaqq ħolqien ġdid. Hu jikteb li aktar ma nifhmu l-ittri li jġibu ismu, aktar naslu biex nagħrfu aħjar it-tagħlim ta' San Pawl, il-ħidma tiegħu u l-qalb miftuħa li kellu mhux biss lejn il-Mulej, iżda wkoll lejn dawk kollha li hu kien nissel fihom il-fidi.

L-iskop ta' dan il-ktieb hu għalhekk li jintroduċina ftit aktar għal dan il-persunaġġ qawwi u daqshekk importanti fl-istorja tal-Knisja nisranija tal-bidu. Ktieb li jista' jgħinna nifhmu aħjar lil San Pawl u nixxenqu biex inkunu nafu aktar fuqu.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## *Logħba edukattiva u interessanti għas-Sena Pawlina*

Fil-*website* tas-Santwarju ta' Santa Maria del Pueblito, fil-Messiku, li r-Rettur tagħha huwa P. Hugo Cordova Padilla O.F.M., tistgħu ssibu logħba interessanti fuq ' il-passi ta' S. Pawl '. Tistgħu jżuru dan il-*website:* **www.santamariadelpueblito.org/san-juegos-sanpablo.htm**. Huwa quiz interessanti fuq S. Pawl f' bosta lingwi.



# ‘ S. Pawl ‘ fil-Kitbiet ta’ Missierna S. Franġisk



F’ din is-sena 2009 qed inkomplu nfakkru s-Sena Pawlina f’ għeluq l-2000 sena mit-twelid ta’ Missierna S. Pawl, imnedija mill-Papa Benedittu XVI nhar id-29 ta’ Ġunju 2008 u t-800 sena minn mindu l-Papa Innoċenz III approva bil-fomm il-”*Forma Vitae*” ta’ l-Evanġelju ta’ San Franġisk, li kienet il-bidu tal-mixja tal-fraternita’ ta’ l-ewwel Patrijiet Minuri ( 1209-2009 ). Ħawn se naraw fil-qosor, fejn fil-kitbiet ta’ San Franġisk insibu l-isem ta’ ‘S. Pawl’ jew xi riferenza għalih.

Jekk wieħed jaqra dawn il-kitbiet issib, li l-aktar passi tal-Bibbja, li huma l-aktar imsemmija, huma dawk li nsibu fl-Evanġelji. Għaliex wara kollox il-persuna ta’ Ġesu’ Kristu għandha tkun iċ-ċentru ta’ ħajjietna.

S. Franġisk isemmi lil S. Pawl b’ ismu **waħdu darba biss** fil-kitbiet tiegħu : -
**Regola mhux bullata 23,6** : “ U, għall-imħabba tiegħek, bl-umilta’ nitolbu …….
…...**San Pawl**…..”. FSF 182.

F’ partijiet oħra ma jsemmix ismu, imma jikteb ‘’**l-appostlu’’** — b’ riferenza diretta għal S. Pawl, għaliex wara jġib silta minn xi ittra tiegħu : -
**Regola mhux bullata 7, 5-6** “… u l-**appostlu** jgħid: *Min ma jridx jaħdem, ma għandux jedd jiekol* ( cfr. 2 Tes.3,10) u : *Kull wieħed għandu jibqa’* fis-sengħa u l-uffiċċju *li għalih ġie msejjaħ* ( cfr. 1Kor7,24) ”. FSF 166
**9,1** “ …..skond kif jgħid l-**appostlu**, *li jkollna x’ nieklu u x’ nilbsu, u dan ikun biżżejjed għalina* (cfr.1Tim 6,8).” FSF 168
**12,6** “ U l-**appostlu** jgħid ; *Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta’ l-Ispirtu s-Santu* ( cfr.1 Kor 6,19 ) ; għaladaqstant*, min jeqred it-tempju ta’ Alla, Alla jeqred lilu* ( 1Kor 3,17 ) ” FSF 171
**Twissijiet 7,1** : “ **L-appostlu** jgħid : *L-ittra toqtol, imma l-ispirtu jgħati l-ħajja* ( 2Kor, 3,6 ) FSF 7
**8,1-2** : “**L-appostlu** jgħid ‘’ *Ħadd ma jista’ jgħid; Ġesu hu l-Mule*j, jekk *mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu* (1Kor 12,3 ) ; u *Ma hemm ħadd li jagħmel is-sewwa, lanqas biss wieħed* ( Rum 3,12 )” FSF 8

Mill-banda l-oħra meta nagħtu ħarsa sew lejn il-kitbiet in ġenerali ta’ S. Franġisk naraw li hu jħobb jikkowta vrus mill-ittri ta’ San Pawl biex ikompli jsaħħaħ l-argument tiegħu, imma fuq kollox biex juri li, dak li xtaq jwasslilna għandu l-bażi tiegħu fil-Kelma t’ Alla, kif insibuha miktuba fil-Kotba Imqaddsa ( Ara: Twissja 7 u Ittra lill-Ordni kollu, 4 ).

**Fonti għall-ħajja ta’ S. Franġisk t’ Assisi ( FSF ) Vol.1 Edizzjoni TAU 2005**

# † MILL - HAJJA TAL - PROVINCJA †

Nhar is-7 ta' Marzu 45 patri tal-Provinċja tagħna ltaqgħu ġewwa l-Monasterju ta' S. Klara f' S. Giljan, għal nofs' t' nhar flimkien mal-Klarissi. Bdejna fl-10.00 am b' riflessjoni mill-Prov. P. Alfred Grech O.C.D. fuq 'Il-Mulej ta lili fra Franġisk, il-grazzja li nibda nagħmel penitenza' ( Testment ). Wara t-*tea-break* , saret ċelebrazzjoni penitenzjali b' introduzzjoni mill-Madre Badessa dwar is-sinjifikat veru tal-konverżjoni tagħna u wara kien hemm iċ-ċans għall-qrar individwali. Il-Provinċjal ha l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-Klarissi talli laqgħuna u awgura lil dawk l-aħwa kollha, li matul din is-sena, se jiċċelebraw xi anniversarju saċerdotali jew reliġjuża. Għal xi n-12.30 pm saret ikla fraterna. Grazzi mill-qalb lil dawk l-aħ wa li attendew, kif ukoll lill-Klarissi ta' dak kollu li għamlu magħna matul dak il-jum. Grazzi wkoll lil P. Richard Stanley Grech O.F.M. u P. Anton Farrugia O.F.M., li ħadu ħsieb l-ikel u ċ-ċelebrazzjoni rispettivament. ***Prosit tassew lil kulħadd !!!!*** L-appuntament li jmiss, bħala Provinċja, huwa għall-**4 t' Ottubru fil-5.30 pm għ all-Quddiesa Konċelebrata ma' l-Isqof t' Għawdex fil-knisja tagħna tal-Belt Valletta**.

Kull nhar ta' Sibt tul ir-Randan kollu, il-Klarissi orġanizzaw vejla ta' talb għal kul-ħadd. Il-vejla kienet tikkonsisti f' kant tas-Salmi flimkien mal-qari mill-Bibbja u mill-Għorrief tal-Knisja.

Bħalissa qed isiru l-aħħar thejjijiet għad-Direttorju l-ġdid tal-Provinċja. Dan barra mis-soltu tagħrif fuq kull patri, se jkun hemm ukoll ir-ritratt tiegħu. Grazzi mill-qalb tal-kooperazzjoni li qed insibu minn kulħadd.

Nhar il-15 ta' Marzu fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja (ta' Celju) il-Marsa, waqt Quddiesa Konċelebrata, P. Alfred Tabone O.F.M., li huwa r-Rettur tagħha, fakkar il-50 anniversarju saċerdotali. Fost il-konċelebranti kien hemm il-Provinċjal u P. Guzepp Vella, li fakkar hu wkoll dan l-anniversarju. ***Multos annos !!!!!***

Nhar id-19 ta' Marzu ntemmu l-festi solenni li saru f' ġieħ S. Ġużepp ġewwa l-knisja tagħna ta' S. Marija ta' Ġesu' ġewwa r-Rabat. Din is-sena saru festi speċjali peress li habat l-egħluq l-500 sena minn meta bdiet tġi ċċelebrata f' Malta b' solennita' l-festa ta' S. Gużepp fid-19 ta' Marzu. Il-patrijiet tagħna jaħdmu mill-qrib mal-membri ta' l-Arċikonfraternita' ta' S. Gużepp, li jieħdu ħsieb is-Santwarju Nazzjonali ta' S. Gużepp, li jgħamel parti mill-knisja tagħna.

Nhar il-Ħadd 22 ta' Marzu P. Mark Enriquez O.F.M. , waqt Quddiesa Konċelebrata fil-knisja tagħna tal-Ħamrun, fakkar l-40 anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Dak in-nhar P. Victor Camilleri O.F.M. u P. Gabriel Micallef O.F.M. ukoll ċċelebraw dan l-anniversarju. ***Multos annos !!!!***



## FESTI MEJJU 2009 BIRTHDAYS

03. P. Alexander Borg
    P. Sandro Overend
    - Provincjal
12. P. Cherubin Galea
19. P. Ivo Tonna

07. P. Charles Diacono
08. P. Mark Enriquez
27. P. Raymond Falzon

***Xewqat qaddisa !!!!!!!!!!***

**Kapitlu tal-Ħsajjar Internazzjonali**
**15 –18 t'April**
**Assisi - Ruma**

**P. Martin u Fra Leo se jippreżentaw lill-Provinċja tagħna**

***www.capitolostuoie2009.org***




## WERREJ

**April 2009**


| | |
|---|---|
| L-Għid it-Tajjeb lil kulħadd | 1 |
| Tagħrif dwar *S. Paolo fuori le Mura* | 2 |
| Intervista mal-Min. Gen. | 3 - 4 |
| S. Pawl fil-ħajja tan-Nisrani | 5 |
| Logħba fuq il-passi ta' S. Pawl | 5 |
| ' S.Pawl ' fil-Kitbiet ta' S. Franġisk | 6 |
| Mill-ħajja tal-Provinċja | 7 |


## L-AĦBAR


Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 1184
Tel. 21 33 11 83
E-mail—fralex@maltanet.net

N.B. Għall-aħħar aggornamenti

**hhtp:/ofm.org.mt**

Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.